**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 11/IX/2025**

**It-Tnejn, 5 ta' Mejju, 2025 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużata:**
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier

**Assenti:**
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**11.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**11.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

11.2.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru skużat.

### 11.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 10 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

11.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

11.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

### 11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.4.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li nġabet stima tal-*inner bins* taż-żingu biex jinbidlu dawk eżistenti. Dawn jiswew €85 il-wieħed. Il-membri qablu li jiġu ordnati 10 minn dawn il-bins.

11.4.2 Dwar il-konki tas-siġar ta' Pjazza Indipendenza, s-Sindku għarraf lill-membri li kkonsulta ma ħaddied u qallu li jekk jinħadmu xi għotien, iridu jinħadmu waħda waħda peress li mhumiex kollha qies wieħed. Ġie suġġerit li jsir ċagħaq abjad kif kien hemm qabel u biex ma jinsteraqx, jitwaħħal ma xulxin b'xi kolla bħal reżin. Il-membri qablu li jittieħed il-parir tal-Perit fuq dan.

11.4.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fir-rigward ta' *post* fuq *Facebook* rigward is-CCTVs f'taċ-Ċawla H.E. Reġa spjega li saret laqgħa ma' rappreżentanti ta' Alarmtech li huma l-kuntratturi li ħadu l-kuntratt biex isiru l-kameras. Dawn spjegaw li l-kameras li hemm qed jadmu u kull meta jmorru fuq il-post biex iżidu l-kameras li kien jonqos, kienu jsibu reżistenza kbira mir-residenti. Il-membru Schembri, li kien Sindku meta saru dawn il-kameras, qal li r-reżistenza vera kienet tkun kbira għax kemm 'il darba mar hu waħdu mal-kuntratturi kull meta kienu jippruvaw biex ikomplu x-xogħol. Il-membru Debrincat qal li ċerta *posts* fuq *Facebook* jakkużaw lis-Sindku w anke' lill-membri tal-Kunsill u għalhekk tal-opinjoni li dawn għandhom jiġu mwieġba. Is-Sindku qal li mhux ser joqgħod jirrispondi fuq *Facebook* imma l-kunsillier li għamel dawn id-domandi setgħa faċilment ikollu risposta għalihom billi jibqa sa l-aħħar tal-laqgħa mhux jitlaq wara nofs siegħa kif ilu jagħmel snin. Ingħatat spjega kemm il-darba, pero' għaż-żewġ raġunjijiet imsemmija, il-kunsillier ma kienx preżenti.

11.4.4 Dwar post ieħor fuq *Facebook*, li jitratta l-attivita' li saret fi Pjazza Inidpendenza, 'Kids in the City', fl-1 ta' Mejju, 2025, kien hemm kritika li l-Victoria Hotspurs FC ġew esklużi. Is-Sindku spjega li ġew mistiedna n-*nurseries* tar-Rabat sabiex jorganiżżaw attivitajiet bit-tfal tagħhom. Sa meta saret l-attivita' tal-Kunsill, il-Victoria Hotspurs FC kien għad ma kelliex *nursery*. Tenna li l-Viċi Sindku, billi ma kienx preżenti fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, talbu jispjegalu s-sitwazzjoni u filfatt hekk għamel.

11.4.5 Rigward din il-materja, s-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li rċiviet korrispondenza mingħand is-segretarja tal-klabb fejn qalet li l-Kunsill Lokali għadu ma rrikonoxxiex l-*youth academy* li ġiet stabilita mill-Victoria Hotspurs FC u l-inqas li setgħa għamel il-Kunsill hu li kkonsulta mal-klabb biex jara jekk il-klabb xtaqx jipparteċipa fl-attivita'. Is-Sindku qal li ntalbet informazzjoni miż-żewġ assoċjazzjonijiet u rriżulta li sad-data tal-attivita' ma kien hemm l-ebda' *nursery* rreġistrata ma' assoċjazzjoni jew tifel wieħed irreġistrat. Kieku rriżulta differenti kienet terġa tersaq għad-diskussjoni.

11.4.6 Dwar 'Kids in the City' ukoll, is-Sindku qal li l-iskola Santa Tereża kienet talbet sabiex torganiżża attivita fi Pjazza Indipendenza u din, bil-kunsens tal-Kunsill, ġiet amalgamata mal-attivita' tal-1 ta' Mejju. Il-membri qablu li jekk ikun hemm talbiet simili minn skejjel oħra, il-Kunsill jiddiskutihom sabiex jara kif dawn ukoll jipparteċipaw.

11.4.7 Rigward l-attivitajiet li organizza l-Kunsill, is-Sindku qal li għall-Festa Frawli kien hemm attendenza sabiħa, tant li mtliet anke' t-tieni *bus*. Dan juri li r-residenti kuntenti ferm li jattendu għall-attiviajiet organizzati mill-Kunsill. 'Kids in the City' wkoll kienet attivita' kbira fejn Pjazza Indipendenza baqgħet mimlija bit-tfal sa xħin spiċċat. Hu rringrazja lill-membru Tabone u l-Assistant Principal Farrugia li għenu sew fl-organizazzjoni taż-żewġ attivitajiet. Appella biex il-membri tal-Kunsill ikunu iktar parteċipi f'dawn l-attivitajiet.

**11.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondnenza mingħand:-

11.5.1 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward:-

i) Espressjoni ta' Interess – Minn Pjazza għal Pjazza. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni;

ii) l-aċċettazzjoni tat-talba għall-estensjoni sa l-aħħar ta' Mejju 2025 fuq l-iskema finanazjaraja – Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati (SPI/SCI/4/2023);

11.5.2 il-Kunsill Reġonali Għawdex rigward:-

i) l-iffirmar tal-'Memorandum of Understanding for Victoria 2031';

ii) iċ-ċerimonja tal-egħluq tar-'Region of Culture Gozo 2025. Din ser issir fil-5 ta' Diċembru, 2025 fil-Foss taċ-Ċittadella;

iii) it-tlett parteċipanti Rabtin li ser jieħdu sehem fil-European Youth Orchestra 2025. Is-Sindku ser jiltaqa ma dawn l-istudenti qabel jitilgħu f'Bordeaux fi Franza;

iv) Każin 60+/Ġambori li qed tkun organiżżata minn Teatru Malta;

11.5.3 il-President tal-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali fejn fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħaddiem, irringrazja lis-Sindki u lill-Kunsilliera u ħeġġiġhom sabiex jibqgħu jaħdmu għal ġid tal-lokal;

11.5.4 is-*Senior Head* għall-'Malta Tourism Authority' f'Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf biex jorħroġ l-avviż għali-iżgumbrar tal-imwejjed u siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ. Dan peress li fis-7 ta' Mejju, 2025 ser isiru l-marki li jindikaw il-postijiet għal l-istess imwejjed u siġġijiet;

11.5.5 id-Dipartiment tal-Kultura tal-Kunsill Lokali tal-Belt ta' Granada fi Spanja. Din il-Belt ukoll applikat sabiex tkun il-belt Ewropea tal-Kultura għas-sena 2031. Intalab sabiex jinbeda kuntatt bejn iż-żewġ bliet li jistgħu iwasslu għal skambji ta' esperjenzi. Is-Sindku qal li bħala Belt li qed taspira biex tieħu t-titlu tal-Belt Ewropeja 2031, ikun ta' gwadann jekk ikollna kuntatt ma' bliet oħra ta' pajjiżi oħra li wkoll applikaw għal dan it-titlu. Il-membri qablu li l-Kunsill ikollu kuntatt ma' Granada u anke' ma Jerez de la Frontera li hi belt oħra Spanjola li applikat ukoll biex tkun il-belt Ewropeja Spanjola għall-Kultura għas-sena 2031;

11.5.6 l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn inħarġu l-permessi biex jiġu restawrati n-niċċa tal-Kunċizzjoni ta' Pjazza Savina (PA/04454/24) u n-niċċa ta' San Alwiġi Gonzaga fi Triq Karita'. Il-Kunsill għadu qed jistenna r-risposta fuq l-applikazzjoni sabiex jiġu akkwistati fondi għal dan ir-restawr mill-iskema għar-restawr (2024) maħruġa mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Sadanittant il-Perit ġie mqabbad iħejji d-dokumenti tal-offerta għal dan ir-restawr;

11.5.7 l-ICT Executive fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-Kunsill ġie mgħarraf li hemm il-bżonn li tiżdied is-saħħa tal-*wifi* fl-*area* tal-grawnd Leli Farrugia. Għalhekk intalab il-permess biex jintuża l-*metre* tad-dawl li l-Kunsill għandu fil-kamra ta' dan il-grawnd. Il-membri ma sabux oġġezzjoni, dment li jitħallas il-konsum u titranġa l-kamra peress li tinsab fi stat perikoluż;

11.5.8 George Mizzi fejn għarraf lill-Kunsill li għandu l-ħsieb li jorganizza sensiela ta' sitt taħdidiet għal pubbliku dwar il-ħares. Il-membri qablu li dawn ikunu ta' nteress u tista' tiġi offruta s-sala tal-Kunsill biex isiru dawn it-taħdidiet għall-ħabta ta' Ottubru w Novembru;

11.5.9 residenta fi Triq San Duminku li kitbet lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rigward il-periklu li tħalla f'din it-triq għal sitt xhur sħaħ. Il-Korporazzjoni qalet li ser tirranġa s-sitwazzjoni fl-immedjat;

11.5.10 il-kuntrattur li ser jipprovdi l-*bollards* għal Pjazza Indipendenza. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*bollards* ser jaslu fit-8 ta' Ġunju 2025. Il-membri qablu li x-xogħol isir wara s-sajf;

11.5.11 residenta li tablet sabiex issir bankina ġdida quddiem 'Il-Bejta', Triq il-31 ta' Marzu. Ser issir talba lit-taqsima konċernata fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

**11.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

11.6.1 *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 'St. George's Court', A, Triq Santa Dminka;

11.6.2 *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 35, Triq Pompei;

11.6.3 *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 'Samara', Triq Wied Sara;

11.6.4 *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 53, Triq il-Kunsill Ċiviku;

*11.6.5* *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' Saliba, Triq Kunsill Ċiviku;

*11.6.6* *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 213, 'tal-Bejka', Triq Għajn Qatet;

*11.6.7* *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 19, Triq Viani;

*11.6.8* *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 69, Triq Dun Pawl Micallef u *traffic mirror* faċċata;

11.6.9 1.5m *keep clear bay* permanenti quddiem il-bieb ta' 48, 'George', Triq Sir Luigi Camilleri;

11.6.10 it-tneħħija ta' parkeġġ personalizzat u riservat ta' 29, Triq taħt Putirjal. Dan peress li l-persuni li kienet tużah, ġiet nieqsa.

11.6.11 TM għarrfet lill-Kunsill bit-*traffic management* temporanju li ser isir sakemm parti minn Triq il-Kapuċċini tkun magħluqa biex jitkompla l-proġett tat-triq il-ġdida ta' biswit Triq Patri Ġiaċintu Camenzuli. Il-membri qablu li TM tiġi nfurmata li minn Triq Sagħtar qed ikun hemm vetturi li jsuqu b'mod eċċessiv u dan anke' *buses*. Din it-triq hi dejqa u fiha jgħixu diversi residenti fosthom tfal żgħar.

11.6.12 Intbagħtet applikazzjoni għal *un/loading bay* tal-ħanut 'Mixel' fi Triq taħt Putirjal. Il-membri ma qablux li ssir *un/laoding bay* oħra f'din it-triq peress li diġa' hemm.

11.6.13 Tressqet korrispondenza mingħand kumpanija privata li bagħtet proposti sabiex isiru *bike racks* b'xejn. Fil-preżent, hemm waħda fi Pjazza San Franġisk.

11.6.14 Tressqet korrispondenza mingħand resident fi Triq Għajn Qatet fejn issuġġerixxa diversi proposti minħabba li f'din it-triq qed ikun hemm sewqan b'veloċita eċċessiva speċjalment qrib l-isptar. Il-membri qablu li jiġi propost lill-TM sabiex tagħmel *bollards* tal-plastik mis-*central strip* ta' quddiem l-isptar sakem taqbad Triq Sir Paul Boffa.

11.6.15 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-TM sabiex l-*open top buses* u l-*coaches* privati ma jibqgħux jgħaddu minn Triq Sant Ursola u jibdew jgħaddu minn salib it-toroq għat-triq ta' wara s-sur. Il-karozzi tal-linja jibqgħu bir-rotta preżenti. Is-Sindku qal li kkonsulta ma' sidien ta' *buses open top* u dawn ma sabux oġġezzjoni jekk ir-rotta tinbidel kif propost, basta jkun hemm r-*road markings* neċessarji. Il-membri qablu.

11.6.16 Is-Sindku qal li TM qed tissuġġerixxi li jonqsu l-parkeġġi sabiex issir *parking bay* għal-*buses* qrib l-Aurora. Dan biex *open top buses* ikunu jistgħu jieqfu fil-*bus stop* u ma jostakolawx it-traffiku. Il-membri ma qablux li jitneħħew parkeġġi. Kif il-Kunsill diġa' qabel, l-*open tops* m'għandhomx jużaw din il-*bus stop*. Qablu li għandu jkun hemm aktar infurzar sabiex ma jkunx hemm parkeġġ doppju ta' vetturi f'din it-triq bil-konsegwenza li meta tal-linja tieqaf fil-*bus stop* ma jkunx hemm it-triq imblukkata.

**11.7 *Playing Field – update***

11.7.1 Is-Sindku qal li l-*Bills of Quantities (BOQs)* minn naħa tal-Perit Scerri tlestew. Għad qed tinħadem il-BOQ tal-Inġinier Cordina fir-rigward ta'elettriku u dwal. Malli dawn ikunu lesti tinħadem l-applikazzjoni biex jinġabu l-fondi mid-'Development Planning Fund' tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**11.8 Proġett Pjazza Santu Wistin – *update***

11.8.1 Is-Sindku qal li l-*Bills of Quantities (BOQs)* minn naħa tal-Perit Scerri tlestew. Għad qed tinħadem il-BOQ tal-Inġinier Cordina fir-rigward ta'elettriku u dwal. Wara li jitlestew il-BOQs, dawn jersqu quddiem il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex isir il-kuntratt għall-iffinanzjar mill-istess Ministeru.

11.8.2 Minn naħa tal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar ser tintalab laqgħa mas-Suprintendenza għall-Wirt Kulturali biex jiġi spjegat il-ħsieb wara dan il-proġett qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

11.8.3 Is-Sindku qal li tkellem mal-Pirjol tal-Kunvent ta' Santu Wistin u spjegalu li fil-prosposta tal-Perit hemm li jitneħħa ċ-ċint ta' quddiem iz-zuntier. Il-Pirjol ma sab ebda oġġezjoni dment li jkun hemm xi forma ta' konfini li jiddistingwu z-zuntier mill-bqija tal-pjazza.

**11.9 Jum il-Belt Victoria**

11.9.1 Il-membri ġew mgħarrfa li Reġjun Għawdex aċċetta li joffri €5,000 mill-fond tal-Kultura għal din l-attivita' u mill-'*Culture Fund'* ser jiġu offruti €2,000.

11.9.2 Rigward ir-rikonoxximenti li ser jingħataw waqt din is-serata, il-membri qablu li jkunu kif ġej:-

- Sports – Marlon u Marcello Attard li spikkaw fid-dixxiplina tal-isparar
- Drama – Ġorġ Mizzi
- Qalb Tajba – George Debono
- Mużika – Peter Paul Borg bandist anzjan mal-Banda Leone. Mill-Banda La Stella għad irid jiġi deċiż lil min ser jingħata dan il-ġieħ.
- Inprenditorija – L-Aħwa Scicluna ta' Jubilee Foods.
- Volontarjat – George Spiteri.

11.9.3 Il-membri qablu li s-sena d-dieħla r-rikonoxximent għal Qalb Tajba jingħata lil Margaret Zahra.

Il-membri qablu li:-

11.9.4 fir-rigward tar-rikonoxximenti, jekk minn dawn il-persuni ma jkunux jistgħu jattendu, għandha tintgħażel persuna oħra;

11.9.5 ssir taħdita bl-Ingliż fis-sala tal-Kunsill minn Charles Bezzina rigward il-ktieb il-ġdid li ħareġ bl-isem 'Gozo's Air Field';

11.9.6 l-għaqdiet tal-armar tal-festi titulari jarmaw l-antarjoli u jtellgħu il-bnadar u l-bandalori tal-Kunsill fi Triq Repubblika;

11.9.7 wara ċ-ċerimonja ta' Jum ir-Rabat, issir bibita fi Pjazza Indipendenza;

**11.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

11.10.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Mejju 2025, skont dokument A anness.

**11.11 Xogħolijiet oħra**

11.11.1 L-offerta għas-servizz tat-tindif tal-latrini pubbliċi għalqet il-Ġimgħa, 25 t'April, 2025. Intefgħu ħames offerti. Il-bord t'aġġudikazzjoni se jkun hekk:- Mario Cauchi, Daniel Galea u Fabian Galea bħala evalwaturi, l-Av. Larry Formosa, ċermen u Josianne Cassar, segretarja;

Il-membri qablu li:-

11.11.2 jsir *patching* fit-Telgħa ta' Majru. Il-Viċi Sinkdu ġibed l-attenzjoni li din it-triq hi mħarbta ħafna. Il-Kunsill kien ġab stima tal-Perit li kienet telgħet 'il fuq minn €150,000. Il-Kunsill kien talab lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmel dan ix-xogħol peress il l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed;

11.11.3 jitranġa l-fanal ta' San Ġorġ tal-Ħaġar;

11.11.4 titranġa bankina bis-siment li qedgħa quddiem sit mhux mibni fi Triq l-Universitas;

11.11.5 tinżabar il-palma ta' Triq Palma;

11.11.6 tiġi esplorata l-possibilita' li ssir maratona tar-Rabat. Il-membri Debrincat qal li għandu kuntatt mas-Segretarju tal-Kumitat Olimpiku u li dan jisa' jgħin fl-organizzazzjoni tal-maratona. Il-membri Schembri ukoll qal li tista' tiġi organizzata attivita' fejn jiġu nvoluti r-roti. Il-membri qablu. Kien hemm ukoll qbil fuq attivita' bir-roti BMX li tista' tiġi organizzata fi Pjazza Indipendenza;

11.11.6 il-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-Oratorio - L-Apotesi tal-Assunta li ser jittella fil-Katidral fit-28 ta' Novembru, 2025. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' €300.

11.11.7 Il-Viċi Sindku reġa ġibed l-attenzjoni rigward imbarazz li jinsab f'parapett fi Triq Mattia Preti. Is-Sindku qal li lis-sid xi xhur ilu kienu kellmuh il-pulizija u dan ġabar mill-imbarazz, pero' mid-dehra reġa qed jinġema l-imbarazz. Il-*Community Police* reġgħu kellmuh tlett darbiet. Irriżulta li sid il-post għamel intervent mediku u x'ħin jirkupra qal li ser ineħħi kollox. Jekk ma jneħħix kollox, ser jerġa jiġi rrappurtat, anke' lis-Sanita'.

**11.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet f'nofsinhar u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum. 3 ta' Ġunju, 2025.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv